MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 251/2007

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti izzewgu f’ Malta fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Gunju tas-sena elf, disa’ mija u disghin (1990);

Illi huma kellhom tlett itfal, D, E, u F ahwa B kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-partijiet iltaqghu meta r-rikorrenti kellha biss erbatax-il (14) sena. Hi harget tqila u zzewgu meta kien ghad kellha biss sittax-il (16) sena. Kif jirrizulta waqt il-kawza il-partijiet fic-cirkostanzi ma kellhomx id-diskrezzjoni u l-preparazzjoni biex jifhmu jew jgharblu id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga;

Illi l-intimat minn naha teighu ma kienx kapaci jidhol ghaz-zwieg u jaqdi d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, kif jirrizulta wkoll fit-trattazzjoni;

Illi ghalhekk l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess;

Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi li ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Jghid il-konvenut il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f' Malta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u disghin (1990) huwa null u bla effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk

tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, l-intimat jaderixxi ruhu mat-talba tar-rikorrenti martu, u ghalhekk filwaqt li ma jopponix ghat-talbiet taghha, jaqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija u disghin (1990) ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Illi dan purche ma jkunx dikjarat illi z-zwieg de quo huwa null u bla effett ghal xi tort imputabbli lilu;

3. Illi ghalhekk t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti sa fejn jimplikaw li t-tort li jaghti lok ghan-nullita’ taz-zwieg, huwa imputabbli unikament lill-intimat, u dan peress illi z-zwieg huwa null u bla effett ghal ragunijiet esklussivament imputabbli lill-attrici, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi ghalhekk, l-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-29 ta’ Gunju 1990 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u fit-termini tal-paragrafu [f], filwaqt li dak

tal-konvent kien vizzjat ukoll fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li meta l-attrici kellha 14-il sena hija kienet harget tqila mill-konvenut. Tispjega: “gie [il-konvenut] ghalija, u hrigt mieghu, kelli x’ naqsam mieghu, u hrigt tqila.”[1] Peress li kienet gejja tarbija fid-dinja u ommha ma kellhiex spazju bizzejjed fid-dar fejn kienet qeda toqghod, hija riedet iddahhal lill-attrici f’ istitut; izda sussegwentement tkellmet ma’ omm il-konvenut u ftehmu li l-attrici tibda tghix mal-konvenut fid-dar tal-genituri tieghu. Fit-8 ta’ Marzu 1989 twieldet it-tarbija.

Sadanittant hija kompliet tikkonvivi mal-konvenut, li dak iz-zmien kien diga’ kellu l-problema tad-droga, flimkien mal-genituri tieghu. Sussegwentement l-attrici rega’ harget tqila mill-konvenut, u fit-23 ta’ Ottubru 1990 twieldet it-tieni tarbija. F’ dan l-istadju l-partijiet iddecidew li jizzewwgu biex l-attrici ma jkollhiex zewgt-it tfal imwieldin barra z-zwieg. Hija tispjega li kienu zzewwgu bic-civil biss “ghax il-knisja ma rieditx izzewwigni, ghax [il-konvenut] kellu problema ta’ droga.”[2]

L-attrici tispjega li l-konvenut qatt ma kien assuma r-responsabbilitajiet tieghu lejn il-famija tieghu; u dan lanqas wara s-sena 1993 meta kien spicca b’ success programm ta’ rijabilitazzjoni. Tghid li huwa ma kienx jaghti kaz la taghha u lanqas ta’ uliedu, u kien johrog wahdu, biex jiltaqa’ ma’ hbiebu. Issemmi l-okkazzjoniijet tal-maghmudija u tal-precett li fihom il-konvenut kien ikun assenti. Hija tghid li kienet tkun dejjem ma’ ommu; “jiena qisni zzewwigt lil ommu..”[3] Jidher li dak li kien jaghmel l-konvenut ma’ martu, kien li jorqod biss. Sussegwentement fit-13 ta’ Jannar 1998 twieldet it-tielet tarbija tal-partijiet.

---

[1] Fol.28
[2] Fol.31
[3] Fol.32

Huma damu jikkonvivu circa 13-il sena, li minnhom il-konvenut kien ghamel numru ta’ snin il-habs.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jammetta li sa qabel ma zzewweg huwa kellu l-vizzju tad-dorga. Jghid: “kollox kont niehu, mhux eroina biss.”[4] L-ezistenza ta’ din il-problema da parti tal-konvenut tinsab konfermata mid-Direttur tas-Sedqa, li fix-xhieda tieghu qal li, skond ir-records taghhom, jirrizulta li l-konvenut kien mar l-ewwel darba d-Detox fis-sena 1989, u kien gie konstatat li kien dipendenti fuq id-droga eroina. Jghid: “Dipendenti hafna kien”[5] u li l-problema tieghu “kienet kbira”. Fuq mistoqsija tal-Qorti, jekk l-problema li kellu l-konvenut, u t-tip ta’ addiction, kienitx tali li taffettwa l-gudizzju tieghu, ix-xhud jirrispondi “Hafna”[6]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragragu [d] ta’ l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenut. Jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa mhux biss kellu l-vizzju tad-droga, izda kellu dipendenza akuta fuq id-droga, u li din kienet affettwatlu hafna l-gudizzju tieghu f’ dak iz-zmien. Inoltre, il-komportament tieghu wara z-zwieg lejn il-familja tieghu jikkonferma li fiz-zmien taz-zwieg huwa kellu difett serju ta diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-obbligazzjonijiet tal-hajja matrimonjali senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, u t-trobbija ta’ l-ulied.

Dan premess u kkunsiderat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-

[4] Fol.58
[5] Fol.73
[6] Fol.74

partijiet fid-29 ta’ Gunju 1990. L-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------